MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 486/2005

**Avviz numru 486/05 DM**

**Vincent Cuschieri Limited**
**Vs**
**Rita u Eric konjugi Borg, esercitanti il-Kummerc f' isem Shop Inn Self-Service**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u sittin lira u ghoxrin centezmi (LM1,765.20c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenuti u fuq istruzzjonijiet taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' 23 t' Awissu, 2005 u tal-Mandat ta' Qbidipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma' kkontestawx it-talba attrici u lanqas ma' deheru fis-seduta ta' llum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-atturi permezz ta' liema rridugew it-talba taghhom ghas-somma ta' erba' mija u sitt Liri Maltin u disgha u tletin centezmi (LM406.39c), qeghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti ghar-ragunijiet indikati fl-avviz sabiex ihallsu lil atturi s-somma kif ridotta ta' erba' mija u sitt Liri Maltin u disgha u tletin centezmi (LM406.39c), bl-imghaxijiet legali b' effett mit-12 ta' Settembru, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------